



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Affarijiet Legali

2009/2169(INI)

16.2.2011

ABBOZZ TA' RAPPORT

li jinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar miżuri interim proposti għall-iffriżar u l-iżvelar tal-assi tad-debituri f'każijiet transkonfinali (2009/2169(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Legali

Rapporteur: Arlene McCarthy

(Inizjattiva - Artikolu 42 tar-Regoli tal-Proċedura)

WERREJ

Pàġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
ANNESSE GĦALL-MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI: RAKKOMANDAZZJONIJIET DETTALJATI DWAR IL-KONTENUT TAL-PROPOSTA MITLUBA.....	6
NOTA SPJEGATTIVA	11

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

li jinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar miżuri interim proposti għall-iffriżar u l-iżvelar tal-assi tad-debituri f'każijiet transkonfinali (2009/2169(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 225, it-tieni subparagrafu, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra ir-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2007 dwar il-Green Paper dwar titjib fl-effiċjenza ta' l-infurzar tas-sentenzi fl-Unjoni Ewropea: is-sekwestru ta' kontijiet bankarji¹,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' April 2009 dwar l-infurzar effikaċi tas-sentenzi fl-Unjoni Ewropea: it-trasparenza tal-assi tad-debituri²,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – Żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja għas-servizz taċ-ċittadini – il-programm ta' Stokkolma³,
 - wara li kkunsidra l-Programm ta' Stokkolma għall-2010-2014 – Ewropa Miftuħa u Sigura għas-Servizz u l-Protezzjoni taċ-Ċittadini, adottat mill-Kunsill Ewropew fil-10 ta' Diċembru 2009, u b'mod partikolari l-punt 3.4.2 tiegħu⁴,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 42 u 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A7-0000/2010),
- A. billi l-aktar għodda importanti tal-Unjoni fil-promozzjoni tat-tkabbir wara l-kriżi finanzjarja hija s-suq intern tagħha; billi huwa essenzjali li l-miljuni ta' negozji u ċittadini li jagħmlu użu mis-suq intern u mill-jed li jgħixu, jaħdmu u jivvjaġġaw fl-UE għandhom rimedji effettivi fil-każ li jkollhom pretiża kontra ċittadin jew negozju ieħor,
- B. billi s-suq intern u ż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja jsiru realtà għaċ-ċittadini u n-negozji jekk kemm-il darba d-Dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari fil-qasam tal-ġustizzja ċivili, jiġi applikat b'mod effettiv, mit-traspożizzjoni u t-tqajjim tal-kuxjenza għall-applikazzjoni u l-infurzar,
- C. billi l-livell ta' bħalissa ta' għbir b'suċċess ta' debiti bejn il-fruntieri huwa rimarkabbilment baxx, kemm għall-beni tal-persuni naturali kemm għall-impriżi; billi kif inhuma l-affarijietdin is-sitwazzjoni tiskoraġġixxi l-kummerċ bejn il-fruntieri, tibgħat messaġġ ta' impunità lid-debituri inadempjenti u xxekkel il-prestazzjoni ekonomika tal-Unjoni,

¹ ĠU C 263, 16.10.2008, p. 655.

² Testi adottati, P6_TA(2009)0238.

³ Testi adottati, P7_TA(2009)0090.

⁴ Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, 10-11 ta' Diċembru 2009 – EUCO 6/09.

- D. billi l-kost tal-ġbir tad-debiti transkonfinali huwa bħalissa projbittiv għall-kredituri f'każijiet fejn id-debitur għandu beni f'bosta Stati Membri; billi wasal iż-żmien li jiġi ssemplifikat u mħaffef dan il-proċess ta' ġbir,
- E. billi l-eżekuzzjoni transkonfinali għandu jkun ta' prijorità fis-suq intern u l-qrati għandu jkollhom il-ħila jaġixxu b'ħeffa ħalli jiffriżaw il-beni tad-debitur jew l-allegat debitur; billi fin-nuqqas ta' tali faċilità kummerċjanti diżonesti u oħrajn li deliberatament jippruvaw jaħarbu mir-responsabilitajiet tagħhom jistgħu ċċaqalqu l-beni tagħhom lejn ġurisdizzjonijiet oħrajn, u b'hekk iġagħlu liċ-ċittadini u n-negozji ż-żgħar li ġa kellhom favur tagħhom deċiżjoni tal-qorti jmorru fil-qrati ta' Stat Membru ieħor biex jirkupraw il-beni;
- F. billi ordni għall-kxif ta' informazzjoni dwar il-beni hija meħtieġa, fid-dawl tad-diffikultajiet prattiċi li l-kredituri jkollhom iħabbtu wiċċhom magħhom huma u jaċċedu għall-informazzjoni dwar id-debituri minn għejun pubbliċi jew privati f'kuntest transkonfinali,
- G. billi l-azzjoni leġiżlattiva rikjesta f'din ir-risoluzzjoni għandha tkun imsejsa fuq valutazzjoni dettaljata tal-impatt, kif rikjest mill-Parlament,
- H. billi l-informazzjoni dettaljata dwar il-proċeduri għall-eżekuzzjoni ta' pretiżi f'kull Stat Membru għandha tkun disponibbli permezz tal-portal Ewropew tal-e-Justice,
- billi l-istrumenti proposti għandhom jikkomplementaw id-dritt u l-inizjattivi eżistenti tal-Unjoni, b'mod partikolari d-direttiva dwar il-pagament tardiv fi tranżazzjonijiet kummerċjali, ir-regolament dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonossiment u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet f'materji ċivili u kummerċjali¹, l-ordni Ewropea għal proċedura ta' ħlas, il-proċedura għat-talbiet iż-żgħar Ewropej², u l-portal Ewropew tal-e-Justice,
- J. billi l-istrumenti għandhom ikunu sempliċi u jevitaw id-dewmien u l-ispejjeż mhux neċessarji; billi għandhom ikunu disponibbli fejn xieraq *ex parte*, b'effett ta' sorpriża; billi l-jeddijiet tad-debituri u tal-allegati debituri għandhom ikunu ssalvagwardati kif għandu jkun ħalli jkun evitat kull użu ħażin tal-miżuri rikjesti,
1. Jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta mingħajr dewmien proposti lill-Parlament, fuq il-bażi tal-Artikolu 81(2) tat-Trattat għall-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, fuq il-miżuri għall-iffriżar u l-kxif tal-beni tad-debituri u l-allegati debituri f'każijiet transkonfinali, skont ma jingħad fir-rakkomandazzjonijiet dettaljata miġjubin aktar 'l isfel;
 2. Jikkonferma li r-rakkomandazzjonijiet jirrispettaw il-prinċipju ta' sussidjarjetà u d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini;
 3. Iqis li l-proposta mitluba ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja għall-baġit tal-Unjoni;

¹ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22.12.2000, ĠU L 21, 16.1.2001, p.1.

² Regolament (KE) NRU 861/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 11 ta' Lulju 2007 li jistabbilixxi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar.

4. Jagħti iŕtruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni u r-rakkomandazzjonijiet dettaljati annessi magħha lill-Kummissjoni u lill-Kunsill.

ANNESSE GĦALL-MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI: RAKKOMANDAZZJONIJIET DETTALJATI DWAR IL-KONTENUT TAL-PROPOSTA MITLUBA

Part 1: Strumenti mitlubin

Rakkomandazzjoni 1 (dwar il-forma u n-natura tal-istrumenti li għandhom ikunu adottati)

Il-Parlament Ewropew jitlob l-istrumenti li ġejjin: ordni Ewropea għall-preservazzjoni tal-beni (EOPA) u ordni Ewropea għall-kxif tal-beni (EODA). Il-forma tal-azzjoni tal-Unjoni għandha tkun dik ta' regolament. Iż-żewġ strumenti għandhom jikkostitwixxu rimedji awtonomi oħra flimkien ma' dawk disponibbli fid-dritt nazzjonali. Għandhom japplikaw biss għal każijiet transkonfinali.

Parti 2: Rakkomandazzjonijiet komuni għaż-żewġ strumenti

Rakkomandazzjoni 2 (dwar il-ġurisdizzjoni għall-ħruġ ta' tali ordni)

Il-Parlament Ewropew iqis li l-istrumenti mitlubin għandu jkun fihom regoli ġurisdizzjonali uniformi li jispeċifikaw liema qrati nazzjonali huma kompetenti għall-ħruġ tagħhom. Dawn ir-regoli uniformi għandhom jiedħu qies tal-fatt li l-qorti li jkollha ġurisdizzjoni sostantiva skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001¹ hija ġeneralment dik fl-aħjar qagħda li tittratta ordnijiet bħal dawn. Għandhom ukoll jieħdu qies tal-istadju li jkun intlaħaq fil-mori tal-proċedimenti ewlenin li fihom tintalab l-ordni.

Rakkomandazzjoni 3 (dwar il-ġurisdizzjoni għas-smiġh tal-eċċezzjonijiet għall-ordnijiet)

Il-Parlament Ewropew iqis li l-qorti li tkun bdiet l-EOPA jew l-EODA għandu jkollha l-ġurisdizzjoni esklussiva li tisma' l-eċċezzjonijiet għalihom meta tali eċċezzjonijiet ikunu jikkonċernaw l-effett fl-UE kollha ta' ordni. Fejn l-eċċezzjoni tikkonċerna l-effett ta' ordni fi Stat Membru speċifiku li ma jkunx dak tal-qorti li ħarġitu, din ir-regola tista' tittaffa, biex ikunu protetti d-debituri, l-allegati debituri u terzi, billi tingħata ġurisdizzjoni wkoll lill-qrati tal-Istat Membru li fih jinsabu l-beni. Il-kriterji għall-eċċezzjonijiet għall-ordnijiet għandhom ikunu elenkati b' mod eżawstiv fl-istrumenti mitlubin.

Rakkomandazzjoni 4 (dwar il-formula standard għat-talbiet għal ordnijiet u dwar ir-rapportaġġ)

Il-Parlament Ewropew iqis li ż-żewġ ordnijiet għandhom ikunu jistgħu jintalbu permezz ta' formula multilingwi, inkluż permezz tal-portal Ewropew e-Justice. Il-formola għandha tkun sempliċi kemm jista' jkun. Il-komunikazzjoni għandha wkoll tkun standardizzata b'konnessjoni mal-eżekuzzjoni tal-ordnijiet (eż. fil-każ ta' EOPA: ir-risposta tal-bank lill-awtorità infurzanti f'dak li għandu x'jaqsam mas-suċċess tal-mandat ta' qbid, in-notifika tad-debitur, eċċ.).

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22.12.2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonossiment u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, ĠU L 12, 16.1.2001, p. 1.

Rakkomandazzjoni 5 (dwar ir-rapportaġġ)

Il-Kummissjoni għandha jkollha l-obbligu tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tal-istrumenti mitlubin u, b'mod partikolari, kemm qabad l-użu tagħhom.

Parti 3: Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-Ordni Ewropea għall-Preservazzjoni tal-Beni

Rakkomandazzjoni 6 (dwar l-istadju tal-proċedimenti ewlenin li fih tali ordni tista' tinkiseb)

Il-Parlament Ewropew huwa tal-fehma li huwa essenzjali li jkun jista' jikseb EOPA *ex parte*, jiġifieri mingħajr ma n-notifika inizjali tiġi notifikata lill-parti li l-beni tiegħu huma l-oġġett tan-notifika. L-ordni għandha tkun disponibbli qabel, matul, u wara l-proċedimenti ewlenin.

Rakkomandazzjoni 7 (dwar l-argumentazzjoni tal-kreditur)

Il-Parlament Ewropew iqis li l-għoti ta' EOPA minn qorti nazzjonali għandu jkun fid-diskrezzjoni tal-qorti. Barra minn hekk, l-oneru tal-prova għandu jkun fuq l-attur li għandu jressaq każ *prima facie* tajjeb (*fumus boni juris*) u jistabbilixxi l-urġenza (*periculum in mora*). Dawn il-kriterji għandhom ikunu vvalutati mill-qrati nazzjonali fuq il-bażi tal-każistika eżistenti tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Rakkomandazzjoni 8 (dwar l-ammont minimu ta' tagħrif neċessarju għall-ħruġ ta' EOPA)

Il-Parlament Ewropew huwa tal-fehma li għandu jkun biżżejjed tagħrif preċiż dwar id-debitur jew l-allegat debitur, mingħajr hteieġa ta' numri ta' kontijiet bankarji. Tali tagħrif għandu jkun biżżejjed għall-prevenzjoni li jkun hemm konfużjoni f'każ ta' omonimija.

Rakkomandazzjoni 9 (dwar l-eżegwibilità ta' tali ordni)

Jekk l-ordni tkun inkisbet qabel id-deċiżjoni li tikkostitwixxi d-debitu, kif jiġri ħafna drabi, tali ordni għandha tkun eżegwibbli fl-UE kollha soġġetta għall-miżuri intermedji minimi neċessarji. Bil-kontra, jekk l-ordni tkun inkisbet wara deċiżjoni li tikkostitwixxi debitu, allura għandha tkun eżegwita fl-UE kollha mingħajr il-hteieġa ta' miżuri intermedji.

Rakkomandazzjoni 10 (dwar l-effett ta' tali ordni)

Il-Parlament Ewropew huwa tal-opinjoni li l-effett tal-EOPA għandu jkun konfinat għall-mandat ta' qbid tal-kontijiet bankarji u għall-iffriżar temporanju tad-depożiti bankarji, u lill-kreditur ma għandu jagħtih l-ebda forma ta' proprjetà tal-beni. Għandha titqies ukoll il-kwestjoni ta' jekk l-ordni tkunx tkopri tipi oħrajn ta' beni, bħalma huma l-immobbli jew beni futuri (pretiża li daqt tkun pagabbli jew wirt).

L-EOPA ma għandhiex taffettwa aktar kontijiet bankarji minn kemm ikun neċessarju, u għandha tkun limitata għall-ammont tad-debitu flimkien mad-drittijiet legali u l-imgħax. Għandu jkun possibbli għall-qorti li tkun bdiet li tillimita l-ordni fiż-żmien billi tara kull każ x'ikun jirrikjedi u x'inhuma l-meriti tiegħu.

Rakkomandazzjoni 11 (dwar l-ipproċessar tal-EOPAs)

Il-Parlament Ewropew kieku jippreferi l-użu tas-sistema tat-trażmissjoni elettronika li tikkonnetti lill-qorti emittenti mal-bank li jkollu l-kontijiet, aċċessibbli permezz tal-portal Ewropew tal-e-Justice. B'danakollu, imma, xorta jibqa' apert għal kull alternattiva.

Il-Parlament Ewropew huwa tal-fehma li l-EOPA għandha timponi fuq il-banek l-obbligu li jagħtu effett immedjat lill-ordni (jiġifieri f'termini ta' żmien strettament definiti) u l-obbligu wkoll li jinformaw lill-awtorità infurzanti dwar jekk il-mandat ta' qbid irnexxiex jew le. Dan l-ipproċessar għandu jkun konformi mar-regoli applikabbli fil-qasam tal-protezzjoni tad-dejta.

Il-Parlament Ewropew ihegġegħ lill-Kummissjoni tfassal l-istrument mitlub b'mod li jkun imminimizzat il-kost tal-użu tiegħu. Minħabba d-differenzi sostanzjali fil-kost tal-mandati ta' qbid għall-banek bejn l-Istati Membri, għandha titqies il-kwestjoni ta' jekk l-istrument mitlub għandux jimmira li jarmonizza tali kostijiet, jew jekk għandux iħalli d-deċiżjoni fil-livell tal-Istati Membri. F'kull każ, tali kostijiet ma għandhomx jeċċedu massimu li jkun jinsab fir-regolament, għandhom ikunu trasaprenti, non-diskriminatorji, jirrispekkjaw il-kostijiet tabilħaqq inkorsi u jqisu t-twaqqif taż-Żona Unika ta' Pagamenti bl-Euro u l-fatt li tali proċeduri għandhom kemm jista' jkun ikunu standardizzati.

Il-Parlament jitlob li jkun hemm qies dettaljat tal-kwestjoni ta' min għandu jinkorri l-kost tal-ipproċessar ta' EOPA, inkluż l-eżami tal-aqwa Prattika f'livell nazzjonali u reġjonali.

Rakkomandazzjoni 12 (dwar is-salvagwardji proċedurali għad-debituri u l-allegati debitori)

Il-Parlament Ewropew iqis li l-istrument mitlub għandu jinkludi ġabra komprensiva ta' salvagwardji għad-debituri u l-allegati debitori.

A. Meta mitlub qabel deċiżjoni li tikkostitwixxi debitu, il-ġhoti ta' EOPA għandu jkun bil-kondizzjoni li l-attur jagħti xi tip ta' garanzija fid-diskrezzjoni tal-qorti li tibda, ħalli jiġi kkompensat il-konvenut u kull terz għal danni subiti. Il-konvenut għandu ikun jista' jgħid li l-EOPA billi jagħti garanzija. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li daww id-dispożizzjonijiet ma jkunux ta' xkiel għall-aċċess għal daww b'mezzi finanzjarji limitati.

B. Jekk EOPA tingħata mingħajr avviż (*ex parte*), il-konvenut għandu jkun formalment notifikat u għandu jingħatalu t-tagħrif kollu rikjest ħalli jħejji sottomissjoni ta' eċċezzjonijiet għall-Ordni mingħajr dewmien wara l-eżekuzzjoni.

C. Il-konvenut għandu jkollu l-jedd li jissottometti eċċezzjoni *ex post* għal EOPA. Il-kriterji għal tali eċċezzjoni għandhom ikunu armonizzati fl-istrument mitlub. Il-ġurisdiżjoni għas-smiġħ ta' tali eċċezzjoni għandha wkoll tkun armonizzata fl-istrument.

D. Għandu jiġi prefiss terminu ċar għall-EOPA. B'mod partikolari, jekk il-proċedimenti ewlenin ma jkunux ġew intavolati, għandu jkun hemm terminu prefiss mill-qorti emittenti.

E. L-istrument għandu debitent iqis id-diversità tal-prattiki f'livell domestiku f'dak li għandu x'jaqsam mat-tbatija tad-debitur, inklużi l-limiti eżistenti li ma għandhomx jinqabżu meta jsir qbid ta' kont bankarju ta' persuna naturali. Materji bħal dawn għalhekk għandhom jitħallew għad-dritt tal-Istat Membru fejn id-debitur jew l-allegat debitur ikollu r-residenza

abitwali. B'danakollu, biex ikun hemm aktar ċertezza legali, l-Istati Membri għandu jkollhom l-obbligu jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-tagħrif dwar l-eżistenza ta' tali eżenzjonijiet, li għandhom ikunu reżi pubbliċi.

F. L-EOPA għandha tippreċiżza li l-kreditur jeżegwixxi EOPA b'riskju għalih innifsu u li għandu mnejn ikollu jikkompensa lid-debitur għal kull dannu inkors b'riżultat tal-miżuri ta' eżekuzzjoni.

Parti 4: Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-Ordni Ewropea għall-Kxif tal-Beni

Rakkomandazzjoni 13 (dwar in-natura ta' tali ordni)

Il-Parlament Ewropew iqis li għandu jkun possibbli li tintalab ordni mill-anqas wara deċiżjoni li tikkostitwixxi debitu. Il-Kummissjoni għandha tqis jekk l-ordni għandhiex tkun disponibbli fi stadju aktar bikri tal-proċedimenti, pereżempju meta l-qorti li jkollha ġurisdiżżjoni fuq il-mertu tqis li hemm riskju reali li d-deċiżjoni tagħha ma tiġix eżegwita, u liema salvagwardji għandhom jiġu attwati f'dan il-każ.

Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew iqis li kull Stat Membru għandu jkun rikjest minnu li jiddeċidi liema awtorità jew awtoritajiet huma kompetenti li jibdew EODA. Tali awtoritajiet indikati jkunu jistgħu joħorġu EODA fuq bażi tal-ħtiġiet ta' kull każ, billi jqisu ċ-ċirkostanzi ta' kull każ.

Rakkomandazzjoni 14 (dwar l-ambitu materjali ta' tali ordni)

Il-Parlament Ewropew iqis li bħala regola ġenerali d-debituri għandu jkun rikjest minnhom li jikxfu l-beni kollha li jkollhom fiż-żona tal-libertà, sigurtà u ġustizzja, ħalli jagħtu lill-kreditur l-usa' għażla possibbli ta' azzjoni.

Rakkomandazzjoni 15 (dwar l-eżegwibilità ta' tali ordni)

Il-Parlament Ewropew iqis li għandha tkun biss il-qorti jew l-awtorità li tkun ħarġet l-EODA li tkun tista' timmodifikaha jew twarrabha. Tali ordni għandha tkun eżegwibbli fl-UE kollha mingħajr ebda ħtieġa ta' miżuri intermedji.

Rakkomandazzjoni 16 (dwar is-salvagwardji proċedurali għad-debituri u l-allegati debituri)

Il-Parlament Ewropew iqis li l-istrument mitlub għandu jinkludi ġabra komprensiva ta' salvagwardji għad-debituri.

A. L-istrument għandu jsib ekwilibriju xieraq bejn il-jedd għall-protezzjoni tad-dejta personali, kif tiggarrantixxi d-Direttiva 95/46/KE u kif minqax fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u l-eżekuzzjoni effikaċi tad-deċiżjonijiet. B'mod partikolari, għandhom jiġu stabbiliti salvagwardji biex jiproteġu t-tagħrif żvelat bħala riżultat ta' EODA u biex jipprevjenu l-użu ħażin tagħha.

B. L-EOPA għandha tistabbilixxi li l-kreditur jeżegwixxi EOPA b'riskju għalih innifsu u li għandu mnejn ikollu jikkompensa lid-debitur għal kull dannu inkors b'riżultat tal-miżuri tal-

kxif.

C. Il-pagament għas-saldu tad-debitu għandu jwassal li l-EODA titwarrab.

Rakkomandazzjoni 17 (dwar il-pieni għal stqarrijiet mhux korretti fid-dikjarazzjoni)

Il-Parlament Ewropew iqis li l-istrument mitlub għandu jiddelinea qafas ta' pieni għan-non-ottemperanza jew stqarrijiet foloz, ħalli jikseb ottemperanza effikaċi u uniformi mal-ordni fiż-żona kollha tal-libertà, sigurtà u ġustizzja.

NOTA SPJEGATTIVA

Miljuni ta' negozji jagħmlu użu mill-jedd għall-kummerċ fis-suq intern tal-UE. Miljuni ta' ċittadini jagħmlu użu mill-jedd li jgħixu, jaħdmu u jivvjaġġaw fl-UE. Huwa essenzjali li fis-suq intern, iċ-ċittadini jkollhom rimedji effikaċi fil-każ li jkollhom pretiża kontra ċittadin jew negozju ieħor.

L-UE għandha leġiżlazzjoni viġenti li tippermetti l-pretiżi transkonfinali u r-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet tal-qrati nazzjonali, inkluż ir-Regolament Brussell I, l-Ordni Ewropea tal-Infurzar, il-Proċedura għat-Talbiet iż-Żgħar, u l-Ordni għall-Proċedura tal-Pagament. Imma l-ksib ta' deċiżjoni huwa biss parti waħda mill-proċess; iċ-ċittadini u n-negozji għandu jkollhom il-jedd li d-deċiżjoni tagħhom jiġu eżegwiti b'mod effikaċi.

Komponent neċessarju tal-eżekuzzjoni effikaċi huwa li l-qrati għandhom ikunu jistgħu, bħala provvediment interim, jaġixxu b'ħeffa ħalli jordnaw il-kxif tal-beni tad-debitur u jiffriżawhom.

Mingħajr provvediment bħal din, kummerċjanti bla skrupli u debituri oħrajn ikunu jistgħu jaħarbu mir-responsabilitajiet tagħhom sempliċement billi jċaqilqu l-beni tagħhom lejn ġurisdizzjoni oħra, u b'hekk iċaħħdu lill-kreditur mill-eżekuzzjoni effikaċi tad-deċiżjoni fis-suq wieħed.

Iċ-ċittadin jew in-negozju ż-żgħir ikunu nefqu l-flus l-otteniment ta' deċiżjoni ġudizzjarja, biex imbagħad ikollhom imorru fil-qrati ta' Stat Membru ieħor mingħajr garanzija la li se jirnexxu u lanqas li se jiksbu ġustizzja.

L-Istituzzjonijiet Ewropej ġibdu l-attenzjoni għall-ħtieġa ta' reġim effettiv għall-iffriżar u l-kxif tal-beni tad-debituri:

Kien hemm żewġ Green Papers tal-Kummissjoni dwar is-suġġett, fl-2006, dwar il-qbid ta' kontijiet bankarji, u fl-2008 dwar it-trasparenza tal-beni tad-debituri.

– Il-Parlament adotta riżoluzzjonijiet li jitolbu t-twaqqif ta' proċedura għall-iffriżar temporanju tal-kontijiet bankarji (rapporteur: Kurt Lechner)¹, u jitolbu lill-Kummissjoni tistudja miżura provviżorja tal-Komunità għall-kxif (rapporteur: Neena Gill)², oltre għal dawk tal-qrati nazzjonali, li jista' jkollhom effett fl-UE kollha. Il-Parlament kien tal-fehma fiż-żewġ rapporti li kull strument tal-Unjoni għandu limita ruħu li jittratta każijiet transkonfinali.

– Il-Programm ta' Stokkolma tal-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni “biex tivvaluta l-ħtieġa u l-vijabilità li jiġu provduti ċerti miżuri provviżorji, inklużi dawk protettivi fil-livell tal-Unjoni għall-prevenzjoni eż. tal-għajbien tal-assi qabel l-infurzar ta' lment” u biex “tressaq proposti xierqa għat-titjib tal-effiċjenza tal-infurzar ta' sentenzi fl-UE rigward kontijiet bankarji u assi tad-debituri, ibbażati fuq il-Green Papers tal-2006 u l-2008”.

¹ 25 ta' Ottubru 2007 is-sekwestru ta' kontijiet bankarji (2007/2026(INI))

– Il-Parlament fir-risoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-Programm futur ta' Stokkolma talab li jkun hemm "proposti għal sistema Ewropea sempliċi u awtonoma għas-sekwestru tal-kontijiet tal-bank u l-iffriżar temporanju ta' depożiti tal-bank".

– Il-Kummissjoni organizzat smiġġ pubbliku fl-1 ta' Ġunju u l-proposta tagħha hija mistennija sa Lulju 2011. Inizjattiva leġislattiva dwar it-trasparenza tal-beni tad-debituri hija maħsuba għall-2013.

Il-Kumitat fassal dan ir-rapport leġislattiv fuq inizjattiva proprja biex

- jitlob lill-Kummissjoni tressaq 'il quddiem malajr proposti dwar provvedimenti interim għall-iffriżar u l-kxif tal-beni tad-debituri f'każijiet transkonfinali, u
- jiddelinea l-karatteristiċi essenzjali ta' dak li l-Parlament ikun jixtieq jinkludi f'dawn il-proposti.